**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 2 TA' LULJU, 2002

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 286/02 AE**

**Francis Xuereb**

**Vs**

**Mario Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u zewg liri Maltin (Lm1002), danni sofferti fil-vettura GAT 729 li kienet involuta f'incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' April 2001 u ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187 tal-Kap. 12, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' l-attur u tas-sewwieq tal-vettura GAT 729 (Josef Xuereb).

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti.

Mill-provi rrizulta li l-incident sehh meta l-konvenut baqa' hiereg minn gewwa Triq il-Pellikani Tarxien ghal fuq Triq San Tumas, Fgura. Mill-iskizz li sar mill-pulizija li nvestiga l-kaz (Dok. JX2), irrizulta li l-konvenut hareg minn fuq *stop sign*. Fic-cirkostanzi, il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza. Huwa maghruf li skond ir-regolamenti tat-traffiku l-vetturi ghaddejn minn triq principali ghandhom il-precedenza fuq vetturi hergin minn triq sekondarja. Inoltre, ma tressqet l-ebda prova li seta' kien

hemm xi kontributorjeta min-naha tas-sewwieq tal-vettura GAT 729.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u zewg liri Maltin (Lm1002) danni sofferti mill-attur fl-incident tat-traffiku li sehh fi Triq San Tumas, Fgura fid-19 ta' April 2001 u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut. L-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**